**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 05

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 19 ta' Settembru 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-10.00 ta' filgħodu.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Dorianne Bonnici Bondin – Deputat Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

5.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 04

5.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tar-raba' laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

5.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

5.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia l-minuti tar-raba' laqgħa ġew approvati unanimament.

## 5.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.3.1 Triq Depiro Gourgion
Is-Sur Dalli tkellem dwar triq Depiro Gourgion fejn spjega li x-xogħol beda f'din it-triq fuq main ġdid ta' l-ilma din il-ġimgħa kif kien ħabbar xi ġimgħat ilu.

5.3.2 Attivita' Sportiva 06 ta' Settembru 2024
Is-Sindku tkellem ukoll dwar l-attivita' sportiva li kienet organizzata mill-Kunsill Lokali fi 6 ta' Settembru fejn ħarġet tajjeb ħafna pero' jibqa xorta l-fatt li l-attendenza kienet ftit bagħtuta.

5.3.3 Xogħolijiet ta' bankini – Public Works
Is-Sur Dalli spjega kif ix-xogħolijiet ta' bankini li tlabna biex isiru mill-Public Works ġejjna mitlubin biex nissottemtu stima ta' xogħolijiet u għalhekk qabbadna l-Perit tal-Kunsill biex isiru dawn l-istimi u dejjem għas-spejjes ta' l-istess Kunsill.

5.3.4 Spejjes Festa Salvatur 2024
Is-Sindku spjega kif l-ispejjes li kellna għall-festa tas-Salvatur dwar is-servizz tal-Fire Enginee, l-Uffiċċjali tal-Komunita' u servizz tal-pulizija għall-kontroll ta' traffiku u għeluq tat-toroq ġew miġbura mill-iskema tal-Ministeru.

5.3.5 Seminar dwar l-Anzjan Attiv
Is-Sindku tkellem ukoll kif flimkien mal-Viċi Sindku s-Sur Donio Cini attenda seminar organizzat mill-Kummissarju ta' l-anzjani, liema seminar kien ferm interessanti, fejn kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku ħadu sehem attiv u flimkien ser naħdmu mad-Dipartiment ta' l-Anzjan Attiv biex b'hekk inwasslu l-informazzjoni u servizzi oħra lil anzjan tagħna.

5.3.6 Tiġdid tal-Karta ta' l-Identita'
Is-Sindku spjega kif ilħaqna ħafna anzjani li bħalissa kienu mitluba biex iġġedu l-karta ta' l-Identita' tagħhom kif flimkien mad-dipartiment tat-tiġdid tal-karta ta' l-identita' qed ngħinu lir-residenti tagħna anzjani jibdlu l-karta ta' l-identita' tagħhom fil-kumdita ta' darhom. Dan sar b'effiċjenza liema bħala u b'hekk nixtiequ ngħidu grazzi kbira lil Identita Malta għal għajnuna tagħhom.

5.3.7 Speed Camera ħdejn iċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija
Is-Sindku spjega kif irċevejna komunikat dwar l-speed cameras ta' ħdejn iċ-ċimiterju fejn ġejna mitluba xi informazzjoni fejn qed naħdmu fuqha biex niġbru l-informazzjoni neċessarja biex ikun jista' jitkompla dan il-proċess.

## 5.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

5.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm, iżda s-Sindku wieġeb żewġ mistoqsijiet żgħar dak il-ħin li saru mill-Kap tal-Minoranza s-Sinjura Farrugia Muscia.

5.4.2 Is-Sinjura Farrugia Muscia staqsiet lis-Sindku dwar xi marki li saru mat-tappieri ta' dranaġġ fi Triq id-Dejqa u kif fil-lejl bejn 18 u 19 ta' Settembru xi nies tal-WSC ġew jaraw dawn it-tappieri. Hija qiegħeda tistaqsi dan minħabba li t-triq kienet saret bil-concrete imprint u ma jmurx terġa tinqalgħa minħabba xi ħsarat.

5.4.3 Is-Sindku spjega kif dawn huma ħaddiema tal-WSC li xogħol taghom huwa li jfittxu l-ħsarat matul il-lejl u għalhekk għandna niċċekjaw mal-WSC dwan dan.

5.4.4 Is-Sinjura Farrugia Muscia staqsiet ukoll lis-Sindku dwar it-talba li kienet għamlet ftit taż-żmien ilu dwar is-sinjal tal-parkeġġ li kienu jinsabu fi Triq id-Dejqa fejn is-Salvatur il-qadim. Hi spjegat kif il-parkeġġ f'din l-area qatt ma reġa ġie magħmul wara li kienet saret ir-resurfacing ta' triq u xtaqet iżżid li kif kien ġie ippjantat mis-site plan tal-perit tal-Kunsill sfortunatament dan naqqas il-parkeġġ.

5.4.5 Is-Sindku qal kif l-aħjar jerġa jsir on site visit mill-perit u l-pjanta terġa ssir mill-ġdid fejn ma jitnaqqasx parkeġġ kemm jista jkun.

## 5.5 Korrispondenza

5.5.1 Ġie preżentat ir-rapport ta' Korrispondenza però ma kien hemm l-ebda mistoqsija dwaru.

## 5.6 Preparamenti għall-Milied 2024

5.6.1 Is-Sindku tkellem dwar il-preparamenti għal din is-sena għall-Milied 2024 fejn bħal kull sena l-Kunsill jkun involut biex iżejjen ir-raħal u jagħmel attivitajiet biex kulħadd jidħol fl-atmosfera tal-Milied. Is-Sindku kompla jispjega li bħal kull sena bħala tiżjin nagħmlu l-fustuni mdawrin mas-siġar ta' l-Oleander fi Vjal it-Trasfigurazzjoni kollha, kif ukoll il-fustuni fit-toroq ta' madwar il-knisja ta' dawra ż-żgħira. Norrganizzaw ukoll l-attivita' ta' Mother Christmas fejn inqassmu r-rigali bieb bieb lil kull min jieħu sehem. Nagħmlu festin żgħir fejn jiġu mistiedna l-għaqdiet tar-raħal u xi entitajiet li naħdmu magħhom matul is-sena u kif ukoll isir l-ikla tal-Milied għall-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill.

5.6.2 Is-Sindku spjega kif dwar il-dekorazzjonijiet tal-Milied għandna nġibu tlett stimi fosthom hemm il-Kumitat tal-Festi Esterni fejn ser jieħdu ħsieb jagħmlu dawn id-dekorazzjonijiet bid-dwal u aħna nieħdu ħsieb li nixtru l-piping għal dawn. Is-Sindku għandu jiltaqa mar-rappreżentant ta' din l-għaqda ta' l-għarmar biex jagħtih stima dwar dawn id-dekorazzjonijiet umbagħad skond kemm jiswew nimxu minn hemmhekk. Is-Sindku kompla jgħid li jekk isib xi ħadd li jarmalu siġar tal-Milied jagħmel dan imma mal-ġenb tal-pjazza u mhux fin-nofs.

5.6.3 Sur Dalli tkellem ukoll dwar kif din is-sena ser nerġaw nagħmlu bħas-snin ta' qabel l-attivita' ta' Mother Christmas bil-karozzin u nqassmu r-rigali bieb bieb. Staqsa ukoll jekk hemm xi ideat oħra dwar din l-attivita' u l-Kunsillier Carl Betts offra li waqt din l-attivita' jakkumpanja lil Mother Christmas il- Minority Leader Lorraine Farrugia billi jdoqq Christmas Carols matul it-tqassim tar-rigali u kulħadd qabel ma' din il-proposta.

5.6.4 Ġie deċiż ukoll li din is-sena nagħmlu drinks lil għaqdiet tar-raħal u l-entitajiet kollha li naħdmu magħhom matul is-sena u ssir ukoll l-ikla tal-Kunsill u l-istaff kollhu. Issir ukoll l-ikla lil anzjani li issa saret tradizzjoni fejn ġie issuġerit li din is-sena nippruvaw nagħmlu kemm l-ikla ta' l-istaff kif ukoll ta' l-anzjani jekk hu possibli issru fir-restaurant ta' l-iskola ta' ITS. Ġie issuġerit li l-ikla ta' l-anzjani ssir l-Erbgħa 18 ta' Diċembru u l-ikla ta' l-istaff issir il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2024.

## 5.7 Christmas Market 2024

5.7.1 Is-Sindku spjega kif l-attivita' tal-Christmas Market ser isir 13 u 14 ta' Diċembru 2024 fejn ser norganizzaw laqgħa biex niltaqaw ma' l-għaqdiet kollha ħalli nibdew nitkellmu u naraw min ser jieħu sehem. Bħala Kunsill aħna ser nieħdu ħsieb li nġibu l-loġistika bħal kanizzati, tined, entertainment waqt l-attivita' u reklami ta' din l-attivita'.

## 5.8 Festival taċ-Ċitru 2025

Is-Sindku spjega kif ser nibdew ukoll nippreparaw għall-attivita' tal-Festival taċ-Ċitru 2025 fejn l-ewwel pass huwa li niktbu lill-President biex naraw meta ser isir l-attivita' tal-bejgħ tal-laring tagħhom biex kemm jista jkun ma taħbatx ma' tagħna.

## 5.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

5.9.1 Approvazzjoni biex jinxtraw 4 barriers
Is- Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill żewġ kwotazzjonijiet biex jinxtraw erba' barriers biex jintużaw għal meta tkun ser tingħalaq xi triq għal xi attivita'ġewwa Ħal Lija. Huwa spjega kif hu importanti li jkollna dawn il-barriers għal meta jkollna bżonnhom.

5.9.2 Ġie deċiż unanimament li dawn il-barriers jinxtraw u jiġu d-dentifikati bħala barriers tal-Kunsill billi jiġu mmarkati li huma tal-Kunsill Lokali.

5.9.3 Approvazzjoni biex jiżdied is-servizz tal-ġardinar – Ġnien Ċentru Rikreattiv
Is-Sindku ressaq fuq il-mejda għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill talba biex jiżdied is-servizz tal-ġardinar speċjalment fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv darbtejn fil-ġimgħa bejn Settembru u Diċembru 2024 għal ammont ta' €531.00 fix-xahar u minn Jannar 2025 jonqos b'darba fil-ġimgħa għal ammont ta'€306.80 fix-xahar inkluż bil-vat. Is-Sindku spjega kif dawn il-flus extra li ser inħallsu biex intejbu d-dehera tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv ser jittieħdu mill-flus li frankajna mill-ġbir ta' skart.

5.9.4 Il-Kunsill approva unanimament din it-talba.

5.9.5 Ilment dwar ħmieġ tal-klieb minn residenza privata fi Triq Ramiro Barbaro
Is-Sindku ressaq ilment dwar l-ilma li joħroġ bil-ħmieġ tal-klieb minn residenza privata fi Triq Ramiro Barbaro.

5.9.6 Hawnhekk is-Sindku spjega kif erġajna ktibna lid-Dipartiment tas-Sanita' u ser nibqaw niktbu biex naraw li din il-problema tissolva.

5.9.7 Talba biex isiru linji sofor fi Triq il-Kunċizzjoni fil-kantuniera ta' Sqaq Nru .1 u fi Triq Sant'Andrija Sqaq Nru.1
Is-Sindku tkellem dwar kif irċieva talba biex isiru linji sofor fil-kantuniera ta' Triq il-Kunċizzjoni Sqaq Nru.1 u Triq Sant'Andrija Sqaq Nru.1 ukoll minħabba li kull darba li dan ir-resident jiġi biex jidħol bil-vannijiet jew trakkijiet f'dawn iż-żewġ postijiet ma jkunx jista jgħaddi.

5.9.8 Wara li saret diskussjoni dwar din it-talba ġie deċiż li jekk issiru dawn il-linji sofor ser jitnaqqas il-parkeġġ meta kulħadd jaf li Ħal Lija għandna problema kbira ta' parkeġġ għalhekk kull darba li dan ir-resident jixtieq jidħol b'xi vannijiet jew trakkijiet javża lill-Kunsill Lokali biex isiru No parking signs tlett ijiem qabel biex ħadd ma jipparkja u jkun jista jidħol bla problemi.

5.9.9 Ċirkulari Numru SPI/SCI/07/2024 – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binijiet pubbliċi
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet ċirkulari numru SPI/SCI/07/2024 dwar Espressjoni ta' interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi. Hi spjegat fejn din l-espressjoni hija maħruġa għall-manutenzjoni minuri għall-binjiet pubbliċi li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill, bħala ufficċju amministrattiv, libreriji pubbliċi, latrini pubbliċi u binjiet oħra li minnhom il-Kunsill jgħaqdi lir-residenti. Id-Deputat Segretarju kompliet tispjega li eżempji ta' xogħolijiet li jistgħu jiġu offruti taħt din l-iskema huma tikħil, kisi, żebgħa u manutenzjoni ħafifa fuq għamara.

5.9.10 Għalhekk ġie deċiż li l-Kunsill japplika għall-latrina pubblika fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

## 5.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

5.10.1 Qabel ma tressqet għall-approvazzjoni finali din l-iskeda, s-Sindku xtaq jikkjarifika li l-kont tar-Reġjun tal-ġbir ta' l-iskart domestiku li fih jinkorpora ukoll ġbir ta' skart miċ-ċimiterju, skond kif kien ġie ddikjarat mir-Reġjun stess l-ispiża li għandha x'taqsam mal-ġbir ta' skart taċ-ċimiterju ser titħallas mill-Wasteserv Malta Ltd u kull m'għadd fadal hu li jiffirmaw il-kuntratt u għalhekk l-ammont ta' €424.80 ġie mnaqqs.

5.10.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 9/24 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €71.98 għax-xahar t'Awwissu 2024.

L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 9/24) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Carl Betts. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv lura.

## 5.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

5.11.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjonijiet alarmanti riċenti ma kienx hemm.

## 5.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

5.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

5.12.1 Il-Viċi Sindku Calcedonio Cini xtaq jgħid li l-bankina fi Vjal it-Trasfigurazzjoni in-naħa tal-Każin tal-labour int u sejer lejn l-iskola hemm xi madum maqsum u jiċċaqlaq u għalhekk huwa tal-parir li minflokk il-madum isir ftit konkos biex jitneħħa l-periklu.

5.12.2 Is-Sindku spjega li ma jistax issir parti żgħira biss bil-konkos u l-kumplament bil-madum u għalhekk hu tal-fehema li rridu nsibu madum simili ħafna tinqalgħa biċċa sewwa minn taħt u jitpoġġa madum simili.

5.12.3 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia ressqet proposta lill-Kunsill Lokali dwar Dual Water Fountain biex isir fiċ-Ċentru Rikreattiv issa li dan il-ġnien ġie devolut lill-Kunsill Lokali. Hija spjegat kif kienet barra minn Malta u rat funtana bħal din fejn fil-parti ta' fuq jixorbu minnha l-persuni u fil-parti t'isfel ikunu jistgħu jixorbu minnha l-annimali. Hi kompliet tispjega li fejn isir irrid ikun hemm connection ta' l-ilma.

5.12.4 Is-Sindku s-Sur Anthony Dalli qal kif din hija proposta tajba pero hemm ħafna xogħol qabel wieħed jagħmel din it-tip ta' funtana minħabba li l-ilma jrid ikun pottabli jiġifieri tajjeb kemm biex jixorbu bniedem u anke għall-annimali. Kif ukoll din il-funtana trid tinżamm nadifa kuljum u li jrid ikun hemm persuna li tieħu ħsieb li tnadaffha u tara li dejjem tkun nadifa minħabba li tkun għax xorb. Is-Sur Dalli kompla jgħid li hija proposta tajba u li ser inżommuha fil-ħsieb tal-Kunsill għal meta jkun hemm l-opportunita' li ssir.

5.12.5 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza xtaqet tfakkar il-Kunsill li kellhu jpoġġi ATG fil-Pjazza Trasfigurazzjoni ġo kaxxa tajba għall-elementi ta' barra.

5.12.6 Is-Sindku spjega kif Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kellu joffri magna oħra fejn waħda titpoġġa l-Kunsill u l-oħra titpoġġa fil-Pjazza Trasfigurazzjoni permanenti.

5.12.7 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza xtaqet tistaqsi ukoll dwar kif bqajna fuq l-implimentazzjoni ta' road humps fi Vjal it-Trasfigurazzjoni.

5.12.8 Is-Sindku spjega kif mar fuq il-post mal-kuntrattur biex jara fejn ser titwaħħal road hump u din ġiet ordnata ukoll. Hu kompla jispjega kif ir-residenti ġew infurmati u residenta waħda biss bagħtet lill-Kunsill li hija idea tajba u għalhekk dawk li ma rrispondewx nassmu li jaqblu ukoll. Is-Sindku qal ukoll kif sab tip ta' gradi li jitwaħħlu u jintużaw bħala lqugħ u li jekk kulħadd jaqbel ser nitbagħtu lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom biex jekk jaqblu nagħmlu lilhom bħala lqugħ mal-bankina fi Vjal it-Trasfigurazzjoni.

5.12.9 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza xtaqet tissuġerixxi biex inżiedu l-attendenza fl-attivitajiet tal-Kunsill nibdew nagħmlu Kalendarju ta' l-Avvenimenti. Hawnhekk is-Sindku ssuġerixxa biex nerġaw nibdew inqassmu l-flyer fid-djar u nissuġerixxu ukoll li min mhux rreġistrat mal-Kunsill li jirċievi email jirreġistra mal-Kunsill.

5.12.10 Il-Kunsillier Carl Betts qal li flimkien mas-Sindku saret laqgħa mal-Kummissjoni Żgħażagħ 6 T'Awwissu fejn ġiet mressqa talba biex isir Treasure Hunt bil-kolloborazzjoni mal-Kunsill Lokali fejn minn jirbaħ jingħata voucher ta' 50 ewro mingħand Scan Malta Ltd mogħti mill-Kunsill Lokali. Din l-attivita' għandna ssir bejn wieħed u ieħor lejn l-aħħar ta' Ottubru.

5.12.11 Kulħadd qabel unanimament ma' din l-attivita'.

5.12.12 Il-Viċi Sindku Donio Cini qal ukoll li qiegħdin norganizzaw Mawra ġewwa l-Imdina għar-residenti ta' Ħal Lija u bħalissa qiegħdin niġbru l-informazzjoni biex insibu gwida għal din il-ħarġa.

5.12.13 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza qed tussiġerixxi li jsiru Fitness Classes darba fil-ġimgħa minn sittax -il sena l-fuq minimu ta' persuni li japplikaw huma ta' ħmistax – il persuna u qiegħeda tissuġerixxi li ssir fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv sakemm it-temp jippermetti jekk le jistaw isiru fis-sala tal-Kappillan. Bħala ħlas ser jissusidja ftit minnhu l-Kunsill Lokali.

5.12.14 Kulħadd qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment u għalhekk ser nipproċedu biex isiru dawn il-Fitness Classes.

5.12.15 Il-Kunsillier Carl Betts xtaq iżied xi ħaġa ta' l-aħħar li hemm arblu tad-dawl perikoluż fi Triq Giovanni Barbara fejn il-parkeġġ ta' charging pillars.

5.12.16 Is-Sindku qal li ser nibagħtu lil Enemalta Corporation biex tara dan l-arblu.

5.12.17 Il-Ħin kien 11:30am x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 15 t'Ottubru 2024 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 15 t'Ottubru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Dorianne Bonnici Bondin |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |